MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-19 ta' Ottubru, 2005

Appell Civili Numru. 2090/2004/1

**Carmelo Schembri**

**vs**

**Joseph Cauchi**

**Il-Qorti,**

Fl-4 ta’ Frar 2005 it-Tribunal ghal Talbiet Zghar ippronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“It-Tribunal,

Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fl-4 ta’ Novembru, 2004 fejn intalab il-hlas ta’ sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm698.99) in linea ta’ danni mgarrba mill-attur in segwitu ghall-incident stradali li sehh San Gwann fil-5 ta’ Marzu, 2004 bejn karozza Opel numru LCG 989 misjuqa mill-attur u ERF

numru BAD 023 misjuqa mill-konvenut, liema incident sehh tort tal-konvenut;

Bl-ispejjez, inkluzi hdax-il lira u tmenin centezmu (Lm11.80) ta’ konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Kap.104 u bl-imghax skond il-ligi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fit-8 ta’ Dicembru, 2004 fejn intqal:

i. illi l-incident tat-traffiku in kwistjoni gara unikament bi htija tal-attur;

ii. Ghalhekk fejn jirrigwarda l-eccipjent ma hemmx danni x’jigu likwidati favur l-attur. Fi kwalunkwe kaz u bla pregudizzju ghall-premess, l-attur ghandu jgib il-prova tad-danni skond il-ligi;

iii. Inoltre ma hemmx lok ghall-kundanna tal-eccipjent ghall-hlas ta’ danni favur l-attur;
iv Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi;

Bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Semgha x-xhieda ta’ Carmelo Schembri, Damian Schembri u Joseph Cauchi. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidra:

1. Dan il-kaz jirrigwarda kollizjoni li sehhet fit-3 ta’ Mejju, 2004 ghall-habta tat-8.30am, hdejn ir-roundabout il-kbira li mill-Msida taghti ghall-Kappara u ghat-Triq Regjonali, cioe` r-roundabout fejn kien hemm it-tank tal-gass. Il-vetturi nvoluti fil-kollizjoni kienu il-vettura LCG-989 misjuqa mill-attur u t-truck bin-numru BAO-023 misjuq mill-konvenut.

2. Jirrizulta li l-attur kien gej mid-direzzjoni tal-Universita` miexi fil-karregjata ta’ gewwa nett, u ried imur

fid-direzzjoni tal-Kappara. Jirrizulta li jsuq wara l-attur kien hemm ibnu Damian Schembri. Jirrizulta li l-attur kien xeghel l-indicator biex jissenjala li ried idur fuq ix-xellug biex jitla' lejn il-Kappara.

3. Jirrizulta li t-truck kien miexi fil-karregjata tan-nofs u ried jibqa' sejjer ghad-dritt.

4. Jirrizulta mix-xhieda ta' Damian Schembri li kien hemm vettura ohra fuq il-lemin tat-truck, u il-konvenut kien qed jissorpassaha, u kien ghalhekk li l-konvenut genneb lejn ix-xellug bil-konsegwenza li sehhet il-kollizjoni.

5. It-Tribunal jirrileva li tenut kont tal-kobor tal-vettura li kien qed isuq, il-konvenut kellu obbligu li juza l-massima diligenza. Il-konvenut stess jghid li ra lill-attur miexi ftit il-quddiem aktar minnu u li dan mar lejn it-tela' li taghti ghal San Gwann.

6. L-attur induna bit-truck meta ra d-dell ta' dan gej fuqu. Jirrizulta li l-konvenut laqat lill-attur fil-bieba ta' wara kif ukoll fil-bieba ta' quddiem u l-mera. Id-daqqa fil-fatt kellha sembjanza ta' tkaxkira da parti tat-truck fuq il-vettura tal-attur.

7. Jinghad ukoll li r-ritratti Dok.EE, FF u GG juru bic-car li l-vettura tal-attur kienet fil-karregata taghha. L-attur ma kienx qed jikser lejn il-lemin izda lejn ix-xellug, filwaqt li d-daqqa giet kjarament mill-ispostament li ghamel il-konvenut lejn ix-xellug, spostament li bih beda biex laqat lill-attur fil-bieba ta' wara u kompla jkaxkar mieghu.

8. Ghalhekk ghal din il-kollizzjoni ghandu jigi ritenut unikament responsabbli l-konvenut li naqas milli jzomm "proper look out" ghall-vetturi li kien hemm quddiemu u mal-genb tieghu.

9. Id-danni jirrizultaw fl-ammont mitlub skond id-dokumenti esebiti Dok.A sa Dok.G.

Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident li sehh,

u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' sitt mija u tmienja u disghin lira Maltija u disgha u disghin centezmu (Lm698.99), bl-imghaxijiet legali mit-18 ta' Novembru, 2004 sad-data tal-effettiv pagament.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, inkluzi hdax-il lira u tmenin centezmu (Lm11.80) ta' konsult u ittra u dawk tal-ittra ufficjali mibghuta ai termini tal-Kap.104 ghandhom jigu sopportati mill-konvenut."

Il-konvenut appella minn din is-sentenza u talab ir-revoka taghha in bazi ghall-aggravju illi mill-provi oggettivi li kellu quddiemu t-Tribunal ma messux akkolla lilu bir-responsabilita` ghall-incident;

Jidher mill-qofol tal-kontestazzjoni ta' kif sehh dan l-incident illi z-zewg sewwieqa jattribwixxu lil xulxin htija ghall-fatt li d-*driver* l-iehor kkavalla jew inonda ghal gol-korsija rispettiva tieghu;

Fuq il-kwestjoni tar-responsabilita` t-Tribunal wasal ghall-konkluzjoni li l-incident sehh bi htija tal-konvenut appellant. Huwa sab li din il-htija tikkonsisti fil-fatt illi l-konvenut imprudentement sposta ruhu lejn ix-xellug, naqas li jzomm "*proper look-out*" u b' hekk laqat il-vettura li f' dak il-mument kienet qed tinsaq mill-attur fil-karregjata adjacenti. It-Tribunal x' aktarx inklina lejn il-veduta li l-konvenut kien il-kagun uniku ta' l-incident billi accetta d-dikjarazzjoni tax-xhud Damian Schembri, iben l-attur, li t-*truck* misjuq mill-konvenut kien fil-mument prossimu ghall-habta qed jaghmel manuvra ta' sorpass;

Brevement rijassunti l-provi processwali jipprovdu dan il-kwadru:-

(1) L-attur kien sejjer mid-direzzjoni ta' l-Universita` lejn San Gwann. Huwa kien fuq il-korsija ta' gewwa xi pied distanti mill-hajt fuq ix-xellug tieghu u bl-

*indicator on*. Kif kien qed jikser l-i*steering* biex jaqbad il-via li taghti ghal San Gwann ra bhal dell ta' vettura u hass daqqa fuq il-vettura tieghu li kaxkritu ghal xi metru jew metru u nofs;

(2) Ix-xhud Damian Schembri jghid li hu kien qed isuq fl-istess karregjata ta' l-attur missieru. Il-konvenut gie minn warajh fuq il-*lane* konfinanti u ttanta jissorpassa vettura ohra li kienet fl-istess karregjata jew fuq il-lemin tat-*truck* misjuq mill-konvenut. Biex ghamel din il-manuvra huwa nklina lejn ix-xellug u laqat il-vettura ta' l-attur. Huwa zied jghid illi mad-daqqa l-karozza ta' l-attur tkaxkret harira lejn ix-xellug filwaqt li t-*truck* mexa lejn il-lemin;

(3) Il-konvenut jinnega li ghamel sorpass. Anzi jghid li hu kien wieqaf fuq il-*lights* ghad-dritt u kif appena qala' hass tkaxkira. Zied jaggungi li l-vettura ta' l-attur ma kienx raha qabel il-habta;

Mill-fatti premessi, kompriz l-i*sketch* u r-ritratti esebiti, li f' din il-kawza jassumu importanza qawwija, din il-Qorti ma thossx li tista' taqbel mal-konkluzjoni tat-Tribunal dwar min kien il-kawza principali, jekk mhux ghal kollox eskluziva, ta' l-incident. Il-konstatazzjoni tat-Tribunal hi bazata fuq premessi li ma jinkludux ghal kollox il-provi migbura fil-process, u l-konkluzjoni raggunta tassumi li kien il-konvenut appellant li nvada l-korsija ta' l-attur. Invece, fil-fehma ta' din il-Qorti, fuq il-provi kollha attendibbli jemergu dawn l-osservazzjonijiet:-

(1) Mill-i*sketch* jidher li l-vettura ta' l-attur kienet maqlugha l-barra mill-hajt fuq ix-xellug tieghu ferm aktar mill-pied li jsemmi hu fix-xhieda tieghu. Kif korrettement irrileva l-appellant, meta wiehed jikkalkula d-distanza minn mal-bankina tax-xellug, kif hemm rizultanti mill-mizuri adoperati mit-*traffic warden*, l-attur kien bejn wiehed u iehor distanti cirka sitt metri boghod mill-hajt;

(2) Jidher mit-trajettorja tal-vettura ta' l-attur illi fil-mument prossimu ghall-iskontru kienet din il-vettura li

inondat il-karregjata tal-konvenut, u mhux vice-versa. Ghallanqas mill-i*sketch* il-parti ta' wara ta' din il-vettura tidher angolata lejn il-lemin, li jindika proprju li l-impatt sar meta din gibdet lejn din il-posizzjoni hi u qed tavvicina l-liwja tat-triq li twassal ghal San Gwann.

(3) Id-daqqa fuq il-vettura ta' l-attur kif evidenzjata mir-ritratti turi li kienet din il-vettura li habtet mat-*truck* ta' l-appellat u mhux bil-kontra, kif hekk mit-Tribunal determinat;

(4) L-okkorrenza wkoll tirregistra bhala punt siewi ta' osservazzjoni illi, fuq kliem ix-xhud Damian Schembri, l-attur kien konxju tal-presenza tat-*truck* minn qabel ma sar l-iskontru. Dan ix-xhud jinghad li qal li missieru "kien ga skorra t-*truck*". Li jfisser li t-*truck*, ghallanqas vicin il-mument ta' l-incident, kien fuq quddiem tal-vettura ta' l-attur u probabbli hafna ukoll kien, kif mistqarr mill-konvenut, l-"ewwel wiehed fuq quddiem";

(5) It-Tribunal ma ghamelx gudizzju korrett fejn tenna li l-konvenut stess jistqarr li ra lill-attur miexi ftit 'il quddiem aktar minnu. Biex taghmel sens u gustizzja ma' l-appellant dan il-kliem ma kellux jigi estratt barra mill-kuntest tieghu izda invece kellu jigi nkwadrat fid-dinamika ta' kif sehh l-incident. L-appellanti jghid illi meta qabez il-*lights* hass tkaxkira u mbaghad ra lill-vettura ta' l-attur timxi fitit 'il quddiem aktar minnu. Effettivament, hu jikkonfessa illi "jien lill-Opel qatt ma rajtha qabel il-habta". Fic-cirkostanzi tal-kaz ma jistax jinghad li din l-istqarrija hi inveritiera;

(6) Bhall-appellanti, din il-Qorti ssibha difficli li taccetta bhala fededenja l-versjoni tax-xhud Damian Schembri illi t-*truck* misjuq mill-appellanti kien qed jaghmel manuvra ta' sorpass u ghalhekk htieglu jigbed fuq ix-xellug. Dan qed jinghad in kwantu jidher li hu stess kien incert jekk il-vettura l-ohra kienetx ghal kollox fl-istess karregjata tal-konvenut jew invece fuq il-*lane* lemini ghall-istess *truck*. Ma hemm xejn x' jiddemostra illi t-*truck* ma baqax il-hin kollu fil-korsija proprja tieghu ghad-dritt, kif hekk del resto hu markatament manifest mill-i*sketch*. Hu

wkoll improbabbli li *truck* pezanti u tad-daqs tieghu f' temp ta' ftit sekondi u f' distanza ferm qasira jaqla' vettura, jigbed ghax-xellug, jolqot vettura ohra, ikaxkarha u mbaghad jerga' jigi kontrollat ghad-dritt;

(7) Fil-hsieb ta' din il-Qorti dawn il-konstatazzjonijiet inehhu kull bazi ghall-konkluzjoni tat-Tribunal.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti qed tilqa' l-appell interpost, thassar is-sentenza appellata tat-Tribunal, u b' hekk tichad it-talba ta' l-attur. L-ispejjez gudizzjarji kollha jitbatew mill-istess attur appellat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------